MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 25/2012

Vodafone Malta Limited

Vs.

Joseph Xerri

It-Tribunal;

Ra’ l-Avviz  li permezz tieghu l-kumpanij attrici tablet illi tithallas minghand il-konvenut  is-somma ta’ hames mija u hamsa u erbghin Ewro u sittin centezmu (€545.60) dovuti in konnessjoni ma’ servizzi ta’ telefonija cellular u servizzi ohra skond ftehim iffirmat bejn il-kontendenti u dan skond fattura li giet esebita ma’ l-avviz. Dan bl-ispejjes kollha nkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali spedita ai termini ta’ l-artikolu 166 A tal-Kap 12 u tal-mandati kawtelatorji ta’ sekwestru u qbid prezentati kontra l-konvenut.

Ra' d-digriet tiegħu tat-8 ta' Awissu 2012, li permezz tiegħu fost affarijiet oħra appunta din il-kawża għat-3 ta' Ottubru 2012.

Ra illi minkejja li l-konvenut kien notifikat bl-avviż tat-talba u dak tas-smigħ (riferta tergo fol.2) huwa baqa' ma preżentax risposta fi żmien li trid il-liġi u lanqas deher personalment biex jikkontesta it-talbiet attriċi

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-kumpanija attriċi u x-xhieda.

Sema' r-rappreżentat tal-kumpanija attriċi fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2012 tikkonferma illi l-ammont għadu kollu dovut.

Ra d-digriet tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2012 li permezz tiegħu din il-kawża giet mħollija għas-sentenza għas-seduta tal-lum.

Ikkonsidra:-

Illi l-konvenut f'din il-kawża baqa kontumaċi meta ma rrispondiex l-kawża  bil-miktub u lanqas deher fis-seduta biex joffri kontestazzjoni għat-talbiet attriċi.

Illi l-kumpanija attriċi esebit dokumentazzjoni dettaljata li turi kif jirriżulta l-bilanċ dovut. Ikkonfermat ukol illi l-bilanċ għadu kollu dovut.

Fil-kontumaċja tal-konvenuti u peress illi t-talba attriċi tidher ġustifikata fiċ-ċirkostanzi t-tribunal iħoss illi għandu jakkolji l-istess talba attriċi.

Għaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' it-talbiet attriċi; jikkundanna lil konvenut iħallas lill-kumpanija attriċi is-somma ta' ħames mija u ħamsa u erbgħin Ewro u sittin ċenteżmu (€545.60); bl-imgħax mid-data ta' dan l-avviż il-quddiem; u bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------